**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 48**

**Il-Ħamis 22 ta' Settembru 2022**

Il-Kunsilli Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil-binja tal-Kunsill, li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk - fl-16:30h.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | - | Sindku |
| Elenia Desira | - | Viċi Sindku |
| Stephen Caruana | - | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | - | Kunsillier |
| Kunsillier 5 | - | Mhux mahtur |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Carmel Attard | – | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

| | |
|---|---|
| **48.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 48.1.1 | Xejn |
| **48.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 48.2.1 | Elenia Desira pproponiet u Stephen Caruana ssekonda bħala koretti, il-minuti tas-seduta preċedenti numru 46 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| 48.2.2 | Elenia Desira pproponiet u Stephen Caruana ssekonda bħala koretti, il-minuti tas-seduta li saret b'urġenza nhar il-Ġimgha 2 ta' Settembru numru 47 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **48.3** | **Komunikazzjonijiet mis-Sindku.** |
| 48.3.1 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fis-7 ta` Settembru attenda għal-laqgħa mas-Segretarju Parlamentari l-Onorevoli Dr Alicia Bugeja Said fejn ġew diskussi il-Pillars, il-winch rooms u fuq il-hard standing. |
| 48.3.2 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fl-1 ta` Settembru attendew laqgħa id-DLG mad Direttur tal-Compliance unit rigward internal auditing. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega għalxiex qed isir u ma jirrigwardax finanzi biss iżda kif isiru il-proċessi interni fi ħdan il-Kunsill. Dan ser ikun proġett li ħa jkun qed isir ma 12 il-Kunsill ieħor. |
| 48.3.3 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fil-25 t`Awwissu s-Sindku attenda għall-laqgħa ma rappreżentanti tal-MAFA fejn gie diskuss il-Fishfest. Is-Sindku tenn jgħid li l-affarijiet marru sew imma jixtieq li jara aktar għaqdiet li jieħdu sehem. Żied ukoll jgħid lil-bejjigħa kellhom iżarmaw fil-ħin. |
| 48.3.4 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fit-13 ta` Settembru is-Sindku attenda għall-laqgħa ma rapreżentanti tal-MTA , GHRC u l-kuntrattur fejn ġie diskuss u ntlaħaq ftehim fuq it-Tourist Information Office, gew diskussi wkoll il-latrini u l-kumplament tax-xogħol li fadal isir. |
| 48.3.5 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fid-19 ta` Settembru is-Sindku attenda għall-laqgħa mas-Sur James Grech mill-OPM fejn ġie diskuss il-Binja tal-Kunsill, Tourist information office u l-Master plan. Id-diskussjoni ser tkompli. |
| 48.3.6 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fit- 14 ta` Settembru 2022 is-Sindku attenda għall-laqgħa mas-Sur Ramon Deguara mill-Cleansing Division fejn ġie diskuss pilot plan biex jibda jsir knies u tindif mill-kenniesa tal-Cleansing division fil-lokal. Gie ffirmat MOU li ser ikun amendat il quddiem u jkun iffirmata l-verzjoni finali. *Irreferi ghal 48.8 hawn taħt.* |
| 48.3.7 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li kellu laqgħa mal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar fejn ġie informat li ser ikun hemm Avukat kif ukoll Data Protection officer li ser ikun qed jassistu il-Kunsilli. |
| 48.3.8 | **Sejħa għall Ġardinar -** Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li ser jerġa joħroġ sejħa oħra biex jiġi impejgat ġardinar mal-Kunsill peress li ma kien applika ħadd u il-ġardinar preżenti mhux qed jonora il-kuntratt tiegħu. Sar qbil li terġa toħroġ s-sejħa bejn dawk preżenti. |

43.3.9 **Latrini-** Is-Sindku fakkar rigward id-diskussjoni preċedenti fejn kien intqal li jekk il-latrini mhux ser jiġu bil flus il-kunsill ma jibqax jieħu ħsiebhom. Is-Sindku qal li tkellem mas-Sur Ramon Deguara tal- Cleansing department fejn propona li jkunu fidejhom u jirrinunzja il-flus allokati għalijhom.Għal dan is-sur Daniel Zerafa wera id-dubji tiegħu rigward is-servizz li ser ikun qed jingħata.

**Vot:**

Taqbel li l-Latrini pubblici jinataw f'idejn il-Cleansing u ma jibqgħux responsabbità tal Kunsill?

| **Isem** | **Iva** | **Le** |
|---|---|---|
| Steven Grech | * | |
| Elenia Desira | * | |
| Stephen Caurana | * | |
| Daniel Zerafa | * | |

**Sar qbil unanimu.**

48.3.10 **Tourist boaths-** Is-Sindku informa li hemm żewġ kaxxi u mid-dehra li qed ikun hemm il-ġlied bejn l-operaturi. Is-Sindku staqsa jaqblux li jitneħħew it-Ticket Booths tal-bejgħ tal-biljetti għat Tourist Boats?

| **Isem** | **Iva** | **Le** |
|---|---|---|
| Steven Grech | * | |
| Elenia Desira | * | |
| Stephen Caurana | * | |
| Daniel Zerafa | * | |

**Sar qbil unanimu.**

48.3.11 **Servizz privat ta' trasport-** Taqbel li jkun hemm servizz mill-privat biex iwasslu persuni mill-magħluq sa Dellimara?

| **Isem** | **Iva** | **Le** |
|---|---|---|
| Steven Grech | * | |
| Elenia Desira | * | |
| Stephen Caurana | | * |
| Daniel Zerafa | * | |

**Il-vot għadda bi 3 favur u 1 kontra.**

48.3.12 **ByeLaws-** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa lil dawk preżenti li il-proċess għal Byelaws ġie konkluż. Huwa qal li ntbgħatu il-karti u dokumenti kollha meħtieġa lid-Dipartiment u qed jistennew l-approvazzjoni min għand l-avukat tal-istess DLG.

48.3.13 Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li kien hemm talba għall rimborż mingħand persuna fejn qalet li ġarbet ħsara fil-vettura tagħha fi triqita lejn Dellimara. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv, informa li it-triq mhux taħt ir-resbonsabbiltà tal-Kunsill u għaldaqstant ser tiġi rifjutata.

<table>
<tr><td>48.4</td><td>Mistoqsijiet mill-Kunsilliera</td></tr>
<tr><td>48.4.1</td><td>Daniel Zerafa staqsa jekk il-Kunsill jistax iqabbad żewg persuni li jkunu jgħamlu xogħol ta’ manutenzjoni u ġardinaġġ. Kien hawn li Id-Deputat Segrearju Eżekuttiv irrisponda li l-ebda persuna professjonali m’hi ħa tiġi taħdem mal-Kunsill b’paga ta’ Skala 16. Ghalhekk is sitwazzjoni hija difficli li ssib persuni tajbin.</td></tr>
<tr><td>48.4.2</td><td>Stephen Caruana talab jekk jistgħux jingiebu mobile toilets sa kemm isir il-proġett. Għal dan kien ġie rispost li mhux l-ideal peress li fil-fish fest xorta kien hemm il-ħmieġ</td></tr>
<tr><td>48.4.3</td><td>Elenia Desira staqsiet rigward il-van tal komunità, għaliex dan mhux jintuża u wisq aktar ma ġiex inawgurat. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv irrisponda li għadhom qed jistnnew risposta mingħand il-Ministru għall-inawgurazzjoni, kif ukoll soluzzjoni għal-xufier .</td></tr>
<tr><td>48.4.4</td><td>Daniel Zerafa staqsa rigward il-Cameras. Is-Sindku wieġeb li dawn ġew madwar €18,000</td></tr>
<tr><td>48.5</td><td>Komunikazzjoni AKL- Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv kkomunika kommunikazzjoni mibgħuta mil-AKL fejn qal li l-istess AKL qed taħdem fuq proġett biex tfakkar it-30sena anniversarju mit twaqqif tal-Kunsilli Lokali. Għalekk qed jiġ mitlub li jintbgħat isem ta xi ħaġa marbuta ma kull raħal . Filkaż ta’ Marsaxlokk raprezentazzjoni tkun ‘ is-Sajjied’</td></tr>
<tr><td>48.6</td><td>Skema għall-Kunsill Lokali dwar lokalitajiet Sostenibbli 2022</td></tr>
<tr><td>48.6.1</td><td>Is-Sindku fakkar fuq din l-iskema li kienu ha japplikaw għall il-ġnien ta’ triq il-Kavalerizza.<br>Taqbel li napplikaw għal Skema Lokalitajiet Sostenibbli 2022?
<table>
<tr><th></th><th>Iva</th><th>Le</th></tr>
<tr><td>Steven Grech</td><td>*</td><td></td></tr>
<tr><td>Elenia Desira</td><td>*</td><td></td></tr>
<tr><td>Stephen Caruana</td><td>*</td><td></td></tr>
<tr><td>Daniel Zerafa</td><td>*</td><td></td></tr>
</table>
Il-vot ghadda unanimament</td></tr>
<tr><td>48.7</td><td>Skema SPI.SCI.06.2022- Fond ta’ manutenzjoni u sostenn ta’ Proġetti Maġġuri imwettqa mill-Gvern Ċentrali.</td></tr>
<tr><td>48.7.1</td><td>Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv fakkar li fis-sena 2021 kienu applikaw għal din l-iskema biex issir manutenzjoni fuq ix-xatt, fejn din ma kientx ġiet milquħa. Huwa saqsa jekk jaqblux li terġa issir l-istess talba. Huwa nforma wkoll li l-Kunsill ikun irid joħroġ persentaġġ mill-ispiża totali. Kien hemm qbil unanimu bejn dawk preżenti li terġa tintbgħat l-istess applikazzjoni.</td></tr>
<tr><td>48.8</td><td>Laqgħa mal-Cleansing department. Is-Sindku ġie mgħarraf li ser isir Proġett pilota mal-kenniesa. Ġie iffirmat MOU mal-Cleansing għaż-żmien ta’ 6 xhur fejn ser jintbgħatu kenniesa inaddfu mill-Cleansing u dan ser ikun bi ħlas. Wara 6 xhur issir evalwazzjoi tal proġett. Jekk jirriżulta fil posittiv il kuntratt jiġi estiż. Sar qbil unanimu biex jieħdu sehem f’dan il-proġett pilota.</td></tr>
</table>

| | |
|---|---|
| **48.9** | **Planning Authority** |
| 48.9.1 | Daniel Zerafa informa dwar permess PA5533. Ser isir applikazzjoni mill-Kunsill |
| **48.10** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti** |
| 48.10.1 | Skeda pagament. Proponiet Elenia Desira u Stephen Caruana ssekonda Din ġiet approvata b'mod unanimu bejn dawk preżenti. |
| **48.11** | **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 48.11.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fil-17:00h wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 27 t'Ottubru 2022 , fl-16.30h. |

**Konfermati, illum 27 t' Ottubru 2022**

**IFFIRMATA**

_________________________

**Steven Grech**
*Sindku*

**IFFIRMATA**

_________________________

**Carmel Attard**
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*